**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 11 ta' Novembru 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**Vs**

**Diane Scalpello**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Diane Scalpello,** detentrici tal-karta ta' l-identita' **0284283M**, fejn giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer Maltin u/jew gewwa San Pawl il-Bahar, nhar id-19 ta' Marzu, 2022 bejn il-11.30hrs u t-15.30hrs ;

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ binha **Ramzi Biki** f’periklu car, volontarjament ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq binha **Ramzi Biki**, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Marika Caruana (Med Reg. 2397); Art. 214, Art. 216, Art. 222(1)(a), Art. 202(h)(iii)(v)(vii) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Hebbet kontra binha u cioe’ **Ramzi Biki** sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa’ taħt xidispożizzjoni oħra ta’ dan il-Kodiċi; Art. 339(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta għas-sigurta ta’ l-allegat vittma.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f’każ ta’ ħtija minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata fl-udjenza ta` llum stess u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kienet inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tiirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputata iddikjarat li kellha bizzejjed zmien biex terga tirrikonsidra u li fehmet sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u li fehmet wkoll li l-ammissjoni taghha, kif fehmitha din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fis-sanzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar is-sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni taghha.

Illi in tema ta' sanzjoni, din il-Qorti qed tqis, fuq kollox, l-ammisjoni bikrija tal-imputata u l-koperazzjoni taghha u dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess.

**KONKLUZJONI.**

GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 18, 214, 216, 222(1)(A), 202(H)(III)(V)(VII), 339(D), 382, 383, 384, 385 U 533 TAL-KAP 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata **Diane Scalpello** hatja, fuq ammissjoni taghha stess, ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha u tordna li, *ai termini* ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata titqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal tliet (3) snin millum bil-

kundizzjonijiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lill-imputata bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom instabet hatja b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jigi assenjat ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputata **Diane Scalpello**.

**Ordni skond l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament taghha kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Ramzi Biki** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hatja **Diane Scalpello** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Diane Scalpello** milli tavvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Diane Scalpello** milli tikkuntattja jew timmolesta lill-persuna msemmija,

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hatja l-konsegwenzi jekk hi tikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur